MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 287/2009

**Michael Attard Limited**
**(C – 32362)**

**vs**

**Carmen Santoncito (I.D. 446171M)**
**u Andrea Santoncito (I.D. 14558A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, erba' mija u disgha u hamsin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,459.63), rapprezentanti *import* ta' seba' (7) kambjali skaduti, accetati u ffirmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjes u l-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li s-socjeta' attrici kienet irriduciet is-sorte tal-kawza ghal elf, seba' mija u tlieta u tmenin ewro u seba' centezmi (€1,783.07) permezz ta' nota.

Ra li l-konvenuta rregistrat ammissjoni li hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut li baqa' kontumacja.

Ra li s-socjeta' attrici pprezentat nota ta' cessjoni fir-rigward ta' l-ispejjes u dan stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjes.

Ikkunsidra

Minkejja li l-konvenuta rregistrat ammissjoni fil-mori tal-kawza, jirrizulta li kien thallas is-sorte tal-kawza, pero' mhux car min mill-konvenuti kien ghamel il-pagament u lanqas is-socjeta' attrici ma tat indikazzjoni jekk kienitx il-konvenuta jew il-konvenut li kien ghamel il-pagament.

Ghal dawn il-motivi, peress li t-Tribunal ghandu jesprimi ruhu, limitatament ghall-ispejjes, jaqta' u jiddeciedi li dawn ghandhom jigu ssoportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------